MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 394/2011

**Il-Pulizija**

**(Spt. Ramon Mercieca)**

**Vs**

**Joseph Zammit**

**Illum 10 ta' April, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghan-nom u in rappresentanza ta' Auto Repairs & Services Ltd u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-

ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li tibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (10) denunzji li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta' Jannar, 2006 sal-31 ta' Jannar, 2008 u dan bi ksur tal-artikoli 27, 76(c) u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Settembru, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 27, 66 u 76(c) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' tmien mitt Euro (€800).

Peress li l-appellant m'ghadux jista` jagixxi f'isem is-socjeta` fuq imsemmija ma gewx imposti terminu u multa addizjonali.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta' Otturbu, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi tirrevokaha in kwantu sabet l-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u kkundannatu li jhallas multa fis-somma ta' Euro tmien mija (€800) u tikkonferma mill-bqija biex b'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-appellant ma kienx direttur u/jew ufficjal tal-kumpanija Auto Repairs & Services Limited u dana minkejja li l-isem tieghu baqa` fir-registru tal-kumpaniji.
   L-appellant jissottometti li l-funzjoni tar-registru huwa proprju sabiex terzi li jkollhom xi forma ta' negozju ma kumpanija, jistghu jikkonfermaw jekk dak in-negozju huwiex validu jew le. Ir-registrazzjoni ta' persuna bhala direttur ta' kumpanija fir-registru tal-kumpaniji tohloq prezunzjoni li dik il-persuna huwa fil-

fatt direttur izda fiha nnifisha ma tohloqx ir-rwol li persuna ghandha f'kumpanija.

Kif jispjega iktar limpidament il-Prof. Muscat, fil-ktieb tieghu Principles of Maltese Company Law :

*"in other words, it is the person's functions and not his title which matters. (p 357)*

*The appointment of a director comes into effect immediately and does not depend on the filing of the Form K or some form of publicity (p 388).*

*A director holds office until his term of office expires, or he becomes disqualified from holding office, or resigns, dies or is removed. On the occurrence of any of these events, the director automatically vacates office – the delivery of the relative notice (Form K) to the Registrar is not essential to give effect thereto (p. 389).*

Il-Ligi tohloq din il-presunzjoni sabiex tipprotegi terzi li jkollhom xi forma ta' negozju mal-kumpanija. Izda l-ligi penali ma hix terza persuna. Il-Ligi penali tibbaza ruhha fuq l-intenzjoni u l-agir ta' l-imputat, ta' l-appellanti f'dan il-kaz.

L-ewwel domanda li trid issir ghalhekk hija jekk l-imputat appellanti kienx filfatt, fir-realta, direttur jew le.

L-esponenti jissottometti li l-provi li tresqu juru li ma kienx direttur.

Irrizulta palezament mill-provi li mis-sena 2002 is-socjeta` Mira Motor Sales Limited kienet waqfet kull involviment li kellha fil-kumpanija, mill-provi jirrizulta li l-Company Secretary tas-socjeta` ARS li kien ukoll il-financial controller tas-socjeta` Mira kien ghadda l-karti kollha lil diretturi appuntati minn Melita

Insurance Brokers, il-bank mandate forms kienu inbidlu sabiex l-esponenti appellanti lanqas biss ma kellu d-dritt tal-firma jew xi kontroll fuq il-kontijiet tas-socjeta` ARS, kull involviment li l-esponenti kellu fil-kumpanija waqaf hesrem u lanqas biss ma kien qed jissejjah ghal board meetings. Huwa sinifikanti in fatti li meta d-diretturi l-ohra gew jistralcjaw il-kumpanija, ghazlu li jaghmlu dan billi jsir declaration of solvency li gie firmat biss minn Frank X. Fenech u Frank V Fenech u mhux ukoll mill-esponenti.

Inoltre wara li gie appuntat likwidatur, l-esponenti zgur ma setgha jkollu l-ebda funzjoni ohra fil-kumpanija, u dana minkejja li r-registru ta' l-MFSA zamm l-elenku tad-diretturi ghal dik il-kumpanija.

Il-fatt li persuna hija mnizzla bhala direttur fir-registru tal-kumpaniji hija biss prova prima facie li persuna hija filfatt direttur. U l-esponent gab diversi provi, inkluz dawk gja elenkati, biex juri li filfatt ma kellux dak il-funzjoni. L-esponenti ma kellu l-ebda setgha jirraprezenta u jidher fuq atti u dokumenti ufficjali ghan-nom u in rapprezentanza ta' Auto Repairs & Services Ltd.

2. Illi kien impossibli ghall-appellant li jimla l-formula rikjesta. L-appellant ma setghax jimla dak id-dokument la darba ma kellu l-ebda awtorita` (li fil-mument li kein gie notifikat kien definittivament f'idejn l-istralcarju) u wisq anqas ma kellu informazzjoni biex jimliha. Dan multo magis meta l-appellant sar jaf b'dan in-nuqqas wara li kienu gja bdew proceduri ghall-istralc tal-kumpanija.
3. Illi l-appellant anke jekk wiehed kellu jikkoncedi li filfatt l-appellant kien ghadu direttur fiz-zmien rilevanti huwa ma jista` jkun responsabbli kriminalment in kwantu kien jemmen li huwa ma kienx ghadu direttur tal-kumpanija. Dan huwa zball ta' fatt li jwassal biex jelimina l-element formali rikjest ghar-reat *: actus non facit reus nisi mens sit rea.*

Wiehed jista` biss jinsab hati ta' nuqqas fejn jaf bin-nuqqas tieghu. Fil-kaz odjern imma l-appellant kien jemmen b'konvinzjoni li ma kienx ghadu direttur u li s-socjeta` Mira Motors Sales kienet waqfet l-involviment li kellha fis- socjeta` ARS u ghalhekk fl-ebda hin ma setgha jimmagina li kellu xi obbligu li jissorvelja kontra l-agir tad-diretturi l-ohra u li jimla huwa stess il-formuli rikjesti fil-ligi.

Huwa sinifikanti li filfatt l-appellant qatt ma gie notifikat b'xi interpellanza mill-Kummissarju tal-VAT jew xi avviz mod iehor li kien hemm xi nuqqasijiet da parti ta' l-ARS ghal liema kien responsabbli sabiex jaghti rimedju.

L-ewwel avviz li rcieva kienet intbaghtet fl-14 ta' Jannar 2008 meta huwa personalment kien gja pproceda ghall-istralc bil-Qorti tas-socjeta` Auto Repairs & Services Limited, filwaqt li d-diretturi l-ohra ta' l-ARS kienu appuntat stralcarju sabiex isir "directors winding up"

Ma jista` jkun hemm l-ebda kontestazzjoni li filfatt meta l-appellant ircieva dik in-notifika ma kien hemm xejn li setgha jaghmel, anke ghaliex f'dak l-istadju kien l-istralcarju li huwa responsabbli ghal kumpanija ghal finijiet kollha tal-ligi.

4. Illi l-appellant hass ruhu aggravat bl-applikazzjoni ta' zewg presunzjonijiet fuq xulxin b'mod li gie violat id-drittijiet fondamentali ta' l-appellant.
   Iz-zewg presunzjonijiet huma :

   a) dik li la darba persuna tinsab imnizzla fir-registru tal-kumpanija dik il-persuna hija ufficjal tal-kumpanija u responsabbli ghall-agir u nuqqasijiet tal-kumpanija, u ma jista` jingieb l-ebda prova ohra sabiex din tigi ribattuta;
   b) u li la darba l-appellant kien gie infurmat mid-Dipartiment li d-denunzja ma kienitx mibghuta kien responsabbli ghal mili u prezentata ta' l-istess dokument.

(a) fir-rigward ta' l-ewwel presunzjoni jrid jinghad mil-bidu nett li fil-kamp kriminali kull presunzjoni li jigi applikat irid jigi applikat bis-sahha ta' ligi. Izda l-Kap. 386, l-Att dwar il-Kumpaniji qatt ma tohloq xi presunzjoni dwar ir-rwol li persuna li tkun imnizzla fir-registru ghandha.

(b) Ghar-rigward tat-tieni presunzjoni jigi rilevat li l-artiklu 82(2) jipprovdi zewg affarijiet : (a) fl-ewwel lok jipprovdi illi kull persuna li huwa impjegat jew li qatt ghamlet xi haga ghan-nom tal-persuna registrata (fil-kaz odjern, is-socjeta` Auto Repairs & Services Ltd) huwa responsabbli daqs dik l-istess socjeta`. (b) fit-tieni lok qari literali ta' l-artiklu jipprovdi l-uniku difiza li persuna ghandha hija li turi li hija ma kienitx taf bin-nuqqas in kwistjoni u li hija ghamlet kull ma setghet biex jigi sodisfatt dak rikjest mill-Kap. 406.

Illi fir-rigward ta' dan l-artiklu wiehed jista` jirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' Appell Kriminali tas-7 ta' Mejju 2007 fl-ismijiet Pulizija vs Falzon et (Nru 53/2007 JGD) li jikkoncerna l-interpretazzjoni fil-gurisprudenza Maltija ta' l-artiklu 14 tal-Interpretation Act (Kap. 24) :

*"Il-posizzjoni ta' Diretturi ta' socjeta` kummercjali ..... Hawn ghalhekk wiehed irid jaqa` fuq id-dispozizzjonijiet tal-Interpretation Act (Kap. 249) .....*

Dan ifisser li jekk il-prosekuzzjoni tasal biex tipprova li saru reati mis- socjetajiet kummercjali li taghhom l-appellant kienu diretturi fiz-zmien tal- kummissjoni tar-reati, hemm prezunzjoni "juris tantum" tal-htija taghhom ukoll individwali, sakemm ma jippruvawx al menu sal-grad tal-probabbilita` rikjest mill-akkuzat fi proceduri kriminali, li r-reati jkunu saru minghajr it-taghrif taghhom u li jkunu ezercitaw id-diligenza kollha xierqa biex jevitaw l-eghmil tar-reati in kwistjoni.

Illi kif jghid L.C.B. Gower (Modern Company Law 2nd Edit. (1957) p. 138) :-

*"Recent years seen a further development whereby the rule that the acts of directors are treated as those of the company is, in effect, applied in reverse, so that the acts of the company are treated as those of all its directors. Many modern statutes and regulations provide that if an offence is committed by a company, every director or officer shall be guilty of that offence*

*unless he proves that it was committed without his consent and that he exercised due diligence to prevent its commission".*

Il-Qorti kompliet tghid illi

*L-interpretation Act fuq citat johloq mill-gdid prezunzjoni ohra ta' htija fil- konfront ta' diretturi w ufficjali ohra tas-socjeta` kummercjali li tkun hatja ta' reat, kemm il-darba ma jippruvawx li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghhom u li jkunu ezercitaw id-diligenza kollha xierqa biex jevitaw l-eghmil tar-reat in kwistjoni.*

Irid jigi emfasizzat li jezisti differenza essenzjali bejn il-ligi Ingliza u dik Maltija. Il-Ligi Ingliza tirrikjedi li jigi pruvat mill-prosekuzzjoni il-kunsens tal-persuna ma' l-att kriminali. Fil-ligi Maltija l-prosekuzzjoni kull ma trid tipprova hija x-xjenza tal-persuna li l-att kriminali qed jigi kommess u ma hix difiza ghal imputat li juri li saret kontra r-rieda taghha.

Fil-kaz odjern l-esponenti la kien jaf li kien ghadu direttur tal-kumpanija u lanqas ma kellu xi poter biex jaghmel xi haga. Anzi filfatt huwa mhux talli ma kienx izomm flus tas-socjeta` izda kien kreditur taghha (fir-rwol tieghu ta' direttur tal-Mira), ma kellu l-ebda dokumenti tas-socjeta` u l-ebda awtorita` sabiex jirregola l-posizzjoni tas-socjeta`.

Meta l-esponenti sar jaf b'dawn in-nuqqasijiet ma kien hemm assolutament xejn li setgha jaghmel in kwantu kien gja gie appuntat stralcarju.

Ghalhekk l-esponenti jissottometti li fil-kaz odjern qed jigi applikati zewg presunzjonijiet fuq xulxin li flimkien imorru oltre r-ragjonevoli.

Il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu, tispjega li "presumptions of fact" iridu jkunu "confined within reasonable limits which take into account the importance of what is at stake".

Fil-kaz odjern il-presunzjonijiet ma kienux ragjonevoli in kwantu kienu jwaslu ghal stat ta' dritt ghal kollox differenti mill-istat ta' fatt f'liema sab ruhu l-esponenti : u cioe` li huwa kien responsabbli ghal agir tal-kumpanija fejn id-direttur l-ohra stess kienu jeskluduh u huwa nnifsu kien jemmen li ma kienx ghadu direttur.

Ghalhekk l-esponenti jissottometti li in kwantu l-presunzjonijiet iwaslu ghall-lezjoni tad-dritti fondamentali tal-esponenti li jkollu smiegh xieraq, ma kellhomx jigu applikati fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mhux kontestat illi l-appellant kien direttur ta Auto Repairs and Services Limited flimkien ma' zewg diretturi ohra Frank V. Fenech u F. X. Fenech. F'xi zmien kien sar ftehim li l-appellant u l-kumpanija minnu rapprezentata, Mira Motors Limited, ibieghu l-ishma taghhom lil ahwa Fenech. Dan il-ftehim spicca l-Qorti biex sussegwentement il-Qorti tal-Appell ikkonfermat it-tezi ta' Mira Motors Limited. Sadanittant, il-kumpanija kienet sejra hazin u fis-sebgha (7) ta' Marzu tal-elfejn u tmienja (2008) Dottor Stefano Filletti kiteb lid-Dipartiment tal-VAT fejn informaha illi gie appuntat likwidatur tal-kumpanija Auto Repairs and Services Limited li sa dak iz-zmien kienet qed tigi gestita mid-diretturi Fenech. Dottor Anthony Cassar, awditur tal-kumpanija fuq riferita, xehed illi huwa kien jaf illi kien hemm diskussjonijiet bejn ix-shareholders ghal min kien se jixtri l-ishma. L-appellant ma kienx jiffirma ghall-kumpanija mill-elfejn u tnejn (2002) però baqa' direttur. Dana gie konfermat ukoll minn Philip Sammut part time accountant mal-kumpanija Auto Repairs and Services Limited bejn l-elf disa' mija sebgha u disghin (1997) u l-elfejn u hamsa (2005). L-istess xehedu Renzo Gauci u Carm Borg, dan tal-ahhar jiddikjara illi minn Jannar tal-elfejn u tnejn (2002) Mira Motors ma hadet l-ebda parti fl-amministrazzjoni ta' Auto Repairs and Services Limited. Dottor Stefano Filletti xehed illi l-kumpanija kienet abbandunata totalment meta dahal hu fl-elfejn u tmienja (2008) u lanqas flus ghall-istralc ma kienx hemm. Ghamel kuntatt ma' Fenech però informazzjoni ftit li xejn ha u ghalhekk talab li jkun ezonerat mill-inkarigu u l-kumpanija tigi f'idejn "official receiver". Meta ha n-nomina fl-elfejn u tmienja (2008) l-appellant Joseph Zammit kien ghadu direttur anke meta saret "id-declaration of solvency".

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti jidhrilha illi dan l-ahhar dokument "declaration of solvency" huwa importanti hafna ghas-soluzzjoni ta' din il-vicenda. Dan id-dokument igib id-data wiehed u tletin (31) ta' Lulju tal-elfejn u sitta (2006) u l-appellant Joseph Zammit qed jidher bhala direttur fejn qieghda ssir dikjarazzjoni illi l-kumpanija qieghda fi stat illi thallas id-debiti taghha kollha fi zmien tnax-il (12) xahar. Jidher illi dan ma sarx ghax il-kumpanija baqghet sejra dejjem lura sakemm fl-elfejn u tmienja (2008) gie nominat l-Avukat Filletti bhala likwidatur. L-appellant argumenta illi huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-kumpanija wara l-elfejn u tnejn (2002) u d-decizjonijiet kollha ttiehdu mill-ahwa Fenech. Però jammetti li l-form "K" qatt ma baghtha u baqa' jidher hu bhala direttur. Iqis dan il-fatt bhala traskuragni però ma deherlux illi jekk bhala fatt hu ma kellu x'jaqsam xejn mal-kumpanija allura ma kellux ukoll ikun responsabbli ghall-konsegwenzi taghha.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti trid taghmel riferenza ghall-artikolu 56 tal-Kap. 406 illi huwa wiesa' hafna u jinkludi ukoll difinizzjoni ta' direttur fil-kwalità tal-appellant. M'huwiex konstestat in-nuqqas lamentat fil-komparixxi illi ma ntbghatx mal-ghaxar (10) denunzji sussegwentment prezentati lill-Kummissarju tal-VAT ghad illi dawn ukoll gew ipprezentati tardivament. M'hemmx dubbju illi dan huwa konsegwenza tad-dizgwid illi kien hemm bejn l-azzjonisti u l-fatt illi l-kumpanija rapprezentata mill-appellant ma baqghetx tifforma parti mill-management tas-socjetà Auto Repairs and Services Limited. Legalment, però, ir-responsabiltà tad-direttur tibqa' u sakemm dan jibqa' jidher bhala registrat mad-direttur tal-VAT allura ghandu jassumi kull konsegwenza illi tohrog minn tali registrazzjoni, inkluz in-nuqqasijiet lamentati mid-direttur fil-kawza odjerna. L-appellant qieghed fil-kummerc jidderigi diversi kumpaniji u jaf sew x'inhuma r-responsabiltajiet tieghu versu d-dipartimenti koncernati u jaf sew illi l-unika mezz kif direttur jista' jezimi r-responsabiltà tieghu hija hija permezz tal-form "K" illi jrid jibghat personalment lir-Registratur tas-Socjetajiet. Madankollu f'dan il-kaz l-appellant naqas milli jaghmel dan. Huh Victor ma mexiex bl-istess mod; hu wkoll direttur ta' Auto Repairs and Services Limited. Meta l-gestjoni tal-kumpanija waqghet f'idejn l-ahwa Fenech u kien hemm kwistjoni dwar l-ishma li kien hemm bejniethom huwa baghat il-form "K" ta' rizenja ta' direttur fit-tletin (30) ta' Lulju tal-elfejn u sitta (2006) biex b'hekk huwa heles minn kull responsabiltà versu l-kumpanija. Kif già inghad mhux l-istess ghamel l-appellant fejn minhabba t-traskuragni tieghu baqa' jidher bhala direttur u b'hekk kellu jerfa' l-konsegwenzi kollha tal-Kap. 406, inkluz il-prezunzjonijiet illi l-ligi tpoggi fuqu bhala direttur.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha dina setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-konkluzjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi taqta′ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------